DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................. ĦINIJIET ................ POST: ..............................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ....................................  DATA/DATI ......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

## IL-BELLIEGĦA FIL-BIR

*3 Att, 3 Xena, p.129 (f/F)*

*Notamenti*

## RIENI

**WAQGĦET HI, IMRAMMTI.**

...Spettakolari u tabilħaqq eċċezzjonali!

Wasalna lejn tmiem ix-xandira, imma l-folla li nżammet 'il bogħod, lil hinn mill-periklu, tidher li mhux se tiċċaqlaq malajr. Aħna minn hawn isfel ma stajniex inkunu eqreb, f'din li darba kienet il-kantina tar-razzett li minnu kienet insterqet l-art għall-lukanda li għadna kif rajna tiġġarraf. U kif issa qed taraw intom stess, sinjuri telespettaturi, f'din ix-xandira diretta: intom li rajtu dawk l-ewwel ftit splużjonijiet żgħar fl-erba' rkejjen tal-lukanda ftit sekondi ilu, issa li t-trab u d-duħħan beda joqgħod, issa nħarsu lejn fejn ftit sekondi ilu kien hemm dak il-mostru ta' tletin sular… u issa l-mostru evapora, Sinjuri.
Kif jgħid il-poeta:
"Waqgħet hi, imrammti, niżżlet hi s-sisien." *(109)*

U aħna nistgħu nibqgħu biss issummati, għajnejna jdemmgħu bit-trab. Imma forsi wkoll b'xi ħaġa oħra, xi emozzjoni indeskrivibbli, hekk kif naraw biss dik il-fetħa enormi, dik it-tiċrita fis-sema fejn darba l-bniedem ħalaq mostru tal-azzar u siment, u issa, issa nqered.

Però mhux biex jitla' mostru ieħor floku, Sinjuri. Forsi każ rari dan, każ uniku, meta jintradd lura lill-ambjent l-art misruqa minnu. Kif smajtuh jgħidilna sid il-proprjetà ftit minuti ilu, hu stess li xegħel is-swiċċ biex ta n-nar lill-esplossivi li b'sengħa l-aktar kbira tqiegħdu ġol-lukanda.

Sinjuri, intom li kontu miegħi, intom li assistejtu miegħi għal dan l-avveniment forsi storiku, forsi l-ewwel darba li raddejna lura l-ambjent lil min ħalqu …u lil uliedna, lilkom Sinjuri, inħallukom b'dawn l-immaġini, inħallukom b'din id-dehra u xenarju stupend, insellmulkom u ngħaddukom lura lill-istudjows tagħna fejn ix-xandira tkompli bid-dibattitu mal-mistednin tagħna fuq is-suġġett tal-lum, "Il-Karba tal-Art." Imma l-ewwel ibqgħu magħna għal ftit messaġġi promozzjonali. *(256)*

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU .............

**PROPS** ...........................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..............................................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.

PDF p.129